**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 13 ta' Marzu 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**Vs**

**Mario Camenzuli**

**Kump. Nr. 75/2018**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Mario Camenzuli** detentur tal-karta tal-identita numru 417357M, gie akkuzat talli:

1. fit-12 ta' Jannar 2018 u matul l-ahhar tlett xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti u wkoll li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmul b'rizoluzzjoni wahda, ghent persuni biex jinzlu l-art jew ittantaw jinzlu l-art Malta jew li joqghodu gewwa Malta, kontra d-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-immigrazzjoni jew lil xi persuni biex jinzlu l-art jew jittantaw jinzlu l-art, jew li joqghodu gewwa dawn il-Gzejjer, jew li jitilqu munn xi stat iehor bi ksur tal-Ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak li-istat u dan kollu meta bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kellek tissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghek kont fid-dmir li timpedixxi li jsir dan ir-

reat ai termini tal-Artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolo 217 u Artikoli 18 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-26 ta’ Jannar 2018 (ara *folio* 4) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrijiet li l-imputat ta waqt l-investigazzjoni lill-pulizija, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni imsemmija migjuba kontra tieghu giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra :

1. l-fattur tal-ammissjoni tal-imputat, li tista titqies bhala wahda bikrija.
2. In-natura serja tar-reat kommess;
3. L-eta tal-imputat;
4. Il-fatt li permezz ta’ dan il-kaz, u ghax gabha fuq saqajh hu stess, l-imputat minnufih irrezenja mill-kariga li kien jokkupa bhala surgent tal-pulizija;

Din il-Qorti tiddikjara li r-reat kif migjub kontra l-hati huwa serju, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` dan ir-reat kif migjub kontra l-imputat, ikun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi. Meqjus dan kollu din il-Qorti tqis li ma hux fl-ahjar interess tal-Gustizzja li timponi piena karcerarja effettiva.

**Decide;**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, u 141 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Mario Camenzuli hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u **tikkundannah ghal sentejn prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum.**

Il-Qorti fissret lil Mario Camenzuli fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur